ŻABBAR
Città Hompesch

**Minuti tat-362 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sinjura Calleja pproponiet li ssir korrezzjoni fl-għaxar paragrafu ta' paġna 35 u minflok il-kliem 'li tiġi rranġata l-kumplament tal-bankina' jidħol il-kliem 'jiġu rranġati l-kumplament tal-bankini'. Is-Sur Grech issekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-361 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Catania qal li l-kumpanija *Environmental Landscaping Consortium*, li hija responsabbli mit-tisbiħ ta' *soft areas*, qed tieħu fit-tul biex tagħmel ix-xogħlijiet mitluba mill-Kunsill u talab li ssir pressjoni biex ix-xogħol li kellu jitlesta jsir mingħajr aktar dewmien.

Is-Sur Catania semma l-possibilita' li l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu biex tinfetaħ kamra taħt l-art li hemm fi Triq is-Santwarju taħt il-Knisja. Is-Sur Catania semma wkoll il-possibilita' li jsir użu minn xi fond li toffri l-MEPA.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-laqgħa li kienet saret dwar *Breast Cancer Awareness* u qalet li attivitajiet tagħha bħal dawn 'l quddiem jistgħu jsiru flimkien mas-Sotto Kumitat tas-Saħħa.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għas-Saħħa u Wirt Storiku. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kordinattriċi fl-Uffiċċju tal-President ta' Malta dwar iż-żjara li se jagħmel l-Eċċelenza tiegħu il-President ta' Malta fil-lokal ta' Ħaż-Żabbar nhar it-Tnejn, 8 ta' Frar 2010 u nhar il-Ħadd, 14 ta' Frar 2010. Is-Sindku ppropona li tinħatar Kummissjoni komposta mill-Viċi Sindku, l-Kunsillier s-Sur Buttigieg u s-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto biex flimkiem miegħu jħejju l-programm għal din iż-żjara. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn dwar il-possibilita' li jsir ġemellaġġ mal-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill għandu jagħmel ġemellaġġ mal-Kunsill ta' Eschborn. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC dwar kors tal-kompjuter mingħajr ħlas li qed toffri bl-għajnuna tal-HSBC għas-*self employed*, sidien tal-ħwienet u *managers* ta' intraprizi żgħar u medji. Il-Kumpanija TCTC stiednet lill-Kunsill għall-*launching* uffiċjali ta' dan il-kors (eBIZ) li ser isir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2009 fl-4.30 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Buhagiar jattendi għal din l-attivita'.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Lokali dwar laqgħa li ser issir mas-Superintendent tal-Pulizija tad-Distrett is-Sur Carmel Bartolo nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2009.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Pace fejn ġie ssuġġeriet li l-Kunsill joħloq inizjattiva għar-residenti li permezz tagħha jibbenifikaw kemm huma kif ukoll l-ambjent b'użu ta' *solar water heaters.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said dwar lista ta' miżuri li qed jittieħdu fil-Budget 2010 relatati mal-operat tal-Kunsilli Lokali.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-22 ta' Ottubru, 2009 u l-11 ta' Novembru, 2009 li kien jammonta għal €50,738.25. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Grech.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ottubru 2009 li kien jammonta għal €173.06. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Sur Buhagiar ippropona li toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet biex jiġu organizzati korsijiet fl-infomatika fil-Bini tal-Kunsill b'effett minn Jannar 2010. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

<u>Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu Lulju – Settembru 2009. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Sinjura Calleja pproponiet li s-Sur Pisani jinħatar Editur tal-pubblikazzjoni Citta' Hompesch. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-ħatra.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Bonnici li tipproponi li l-Kunsill jibdel il-*policy* tiegħu dwar *road humps* ġodda fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar u jikkunsidra li jerġa' jibda jagħmel *road humps* f'toroq fejn qed isir sewqan eċċessiv li qed ikun ta' periklu għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

<u>Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar – 1 ta' Frar, 2010.

<u>Ġieħ Ħaż-Żabbar</u>

Is-Sur Frans Catania ppropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar għandu jingħata lis-Sur Stefan Sultana għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-qasam sportiv. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Catania iżda din il-proposta m'għadditx b'sitt voti kontra u tlett voti favur.

Is-Sindku ppropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar għandu jingħata lis-Sur Charles Caruana għall-ħidma tiegħu fil-qasam sportiv ukoll. Is-Sur Pace ssekonda l-proposta tas-Sindku u din il-proposta għaddiet b'seba' voti favur, vot kontra u astensjoni.

Is-Sur Bonnici ppropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar għandu jingħata lis-Sur Wilhelm Speckhardt Sindku ta' Eschborn għall-kontribut tiegħu fir-relazzjonijiet bejn Ħaż-Żabbar u Eschborn. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u din il-proposta għaddiet b'sitt voti favur u tliet voti kontra.

Ċertifikat ta' Ħajr

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lill-Kumitat tal-*Fundraising* tal-Parroċċa għall-kontribut tal-membri tiegħu lejn il-komunita'.

Is-Sur Bonnici ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sur Gerhard Raiss, Direttur tal-Mużew ta' Eschborn, għall-impenn tiegħu f'inizjattivi bejn il-Belt ta' Ħaż-Żabbar u dik ta' Eschborn. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u din il-proposta għaddiet bi tmien voti favur u vot kontra.

Is-Sur Pace ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sinjura Rose Chircop għall-ħidma tagħha fil-qasam tas-saħħa għall-ġid tal-lokal. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pace u din il-proposta għaddiet b'ħames voti favur u erba' voti kontra.

Is-Sur Pace ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sinjura Ursula Caruana għall-ħidma tagħha fil-qasam tas-saħħa għal-ġid tal lokal. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pace u din il-proposta għaddiet b'ħames voti favur u erbgħa voti kontra.

Is-Sur Pisani ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sur Clayton Faiella għal kontribut tiegħu fil-qasam sportiv. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani iżda din il-proposta m'għadditx b'ħames voti kontra u erba' voti favur.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lill-Madre Grima għall-ħidma tagħha fil-komunita'.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Paul Degabriele għall-ħidma tiegħu fil-qasam edukattiv.

Is-Sur Buhagiar ippropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sinjura M'Grace Micallef għall-impenn tagħha favur l-ambjent. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Nominazzjonijiet għall-Premju Ċittadin tas-Sena 2008

Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti dwar in-nominazzjoni għall-premju Ċittadin tas-Sena 2009. Is-Sinjura Calleja pproponiet lis-Sur Rennie Zerafa sabiex jiġi onorat bħala Ċittadin tas-Sena 2009. Is Sindku ssekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament.

Fit-8.30 ta' filgħaxija s-Sur Grech u s-Sur Catania talbu li jkunu skuzati.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Pisani qal li l-Aġenzija Appoġġ qed toffri programm ta' għajnuna għaż-żgħazagħ ta' bejn is-16 u l-24 sena li jħossuhom soċjalment eskluzi. Is-Sur Pisani qal li kien lest li jagħti kull għajnuna liż-żgħażagħ li jeħtieġu għajnuna ta' natura soċjali.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq il-Qaqoċċ minħabba sewqan eċċessiv li qed joħloq periklu fit-triq.

Is-Sur Buhagiar ippropona li l-Kunsill jiġbor lista tat-talbiet kollha li rċieva biex isiru *road humps* f'Ħaż-Żabbar biex tkun tista' tittieħed deċizjoni aħjar ta' fejn għandhom isiru dawn ir-*road humps*. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Fit-8.35 ta' filgħaxija is-Sur Pace talab li jkun skuzat.

Is-Sur Bonnici qal li kien iltaqa' ma' rapprezentanti mill-kumpanija *Greenpak* dwar il-possibilita' li jitpoġġew *bring in sites* għas-separazzjoni tal-iskart fi Triq il-Bikri, Triq San Leonardu u Triq Sant'Antnin.

Is-Sur Bonnici talab li l-Kunsill jikteb lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex isir magħruf jekk il-Kunsill jistax jilħaq ftehim ma' kumpaniji privati dwar l-iskart separat.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jitnaddaf il-*culvert* li hemm fi Pjazza San Ġakbu u li jitnaddfu iktar spiss il-*bins* ta' Misraħ is-Sliem u Misraħ San Gakbu.

Is-Sur Buttigieg qal li waqt xogħol ta' kostruzzjoni li qed isir fil-*By Pass* ta' Wied il-Għajn inqala' arblu tad-dawl u dan ma reġax twaħħal.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq Ħas-Sajjied.

Is-Sinjura Calleja staqsiet dwar it-talba tal-Kunsill biex jitwaħħlu *bus shelters* ġodda ma' numru *ta' bus stops* f'Ħaż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta mingħand il-kumpanija *Faces Consultants.*

Is-Sinjura Calleja ssuġġeriet lill-Kunsill biex jikteb lill-*Maltapos*t biex ma jintefgħux karti f'residenzi li mhux abitati.

Is-Sindku semma l-possibilita' li l-Kunsill jikkunsidra li jidħol fil-GAL biex ikun jista' jibbenefika mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.55 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-363 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 2 ta' Diċembru, 2009.

Domenic Agius
Sindku